MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## CHARMAINE GALEA

Seduta tas-27 ta' April, 2015

Avviz Numru. 102/2015

**Fl-Atti tal-Mandat ta' Sekwestru Ezekuttiv bin-Numru 2106/2008 fl-ismijiet:**

**Kummissarju tat-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud**

**Vs**

**Justin Tabone [detentur tal-karta ta' l-identita` bin-numru 373859M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ipprezentat minn Justin Tabone (detentur tal-Karta ta' l-Identita` Numru 433994 M) fis-27 ta' Marzu 2015 li permezz tieghu ippremetta s-segwenti:-

*"Illi l-mandat ta' sekwestru fl-ismijiet hawn fuq premessi (kopja ta' liema qed tiġi annessa ma l-preżenti u mmarkata bħala "A") ġie spedit fuq talba tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud kontra l-intimat eżekutat Justin Tabone, bil-karta ta' l-identita' bin-numru 373859(M).*

*Illi l-intimat eżekutat huwa fil-fatt missier l-esponenti.*

*Illi permezz ta' mandat ta' qbid spedit mis-soċjeta' Tapram Limited, bin-numru 1694/2014, kontra l-istess intimat eżekutat, ġew maqbuda u elevati żewġ vetturi, u ċioe' s-segwenti:*

- *vettura tat-tip Opel Corsa bin-numru ta' reġistrazzjoni KIT222;*
- *vettura tat-tip Isuzu bin-numru ta' reġistrazzjoni DAD179.*

*Illi dawn il-vetturi hekk maqbuda u elevati mill-pussess ta' l-intimat eżekutat ġew irkantati permezz tal-bejgħ bl-irkant ġudizzjarju ta' ħwejjeġ mobbli bin-numru 31/2014.*

*Illi dan il-bejgħ bl-irkant seħħ fil-15 ta' Jannar 2015, waqt liema irkant il-vetturi fuq indikati ġew liberati favur l-esponenti bil-prezz ta' €1,060 (ara kopja legali tal-minuta ta' l-irkant, hawn annessa u mmarkata bħala "B").*

*Illi l-esponenti għadda biex iddepożita l-prezz tal-liberazzjoni fi żmien 24 siegħa kif irid l-Artikolu 330 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, u dan permezz taċ-ċedola ta' depożitu bin-numru 56/2015 (kopja legali hawn annessa u mmarkata bħala "C").*

*Illi sussegwentement għal-liberazzjoni u għad-depożitu tal-prezz kif fuq premess, l-esponenti ħa wkoll pussess ta' dawn il-vetturi. Għalhekk l-esponenti adixxa lill-Awtorita' għat-Trasport f'Malta sabiex tirreġistra it-trasferiment tal-vetturi in kwistjoni favur l-esponenti.*

*Illi l-Awtorita' għat-Trasport f'Malta qed tirrifjuta li tirreġistra it-trasferiment ta' dawn il-vetturi għaliex qed issostni li t-trasferiment mitlub mill-esponenti huwa kolpit bl-effetti tal-mandat ta' sekwestru fl-ismijiet hawn fuq premessi, f'liema mandat ta' sekwestru l-istess Awtorita' ġiet imħarrka bħala sekwestratarja.*

*Illi dan it-trasferiment m'huwiex kolpit bl-effetti tal-mandat ta' sekwestru in kwistjoni, u dan għaliex skont il-liġi, il-vetturi fuq indikati llum il-ġurnata huma proprjeta' ta' l-esponenti, u mhux ta' l-intimat eżekutat. Fil-fatt it-tieni subinċiż ta' l-Artikolu 331 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jipprovdi li, "Il-kunsinna ta' ħwejjeġ mobbli ssir bil-għoti tal-ħaġa u bid-depożitu tal-prezz jew bl-approvazzjoni tat-tpaċija". Kwindi hekk kif l-offerent li favur tiegħu jiġi liberat l-oġġett mobbli rkantat jingħata dak l-oġġett mill-kustodja tar-Reġistratur tal-Qorti u jiddepożita l-prezz, dak l-oġġett jitqies kunsinnat lilu u b'hekk isir proprjeta' tiegħu.*

*Illi għalhekk, la dawn il-vetturi m'humiex proprjeta' ta' l-intimat eżekutat, huma m'għadhomx kolpiti bil-mandat ta' sekwestru odjern.*

*Illi barra minn hekk, l-effett ta' mandat ta' sekwestru f'idejn l-Awtorita' għat-Trasport f'Malta huwa li dik l-Awtorita' tkun prekluża milli tippermetti lill-intimat eżekutat li jittrasferixxi, permezz tal-log book, r-reġistrazzjoni tal-vettura favur terzi. F'dan il-każ it-trasferiment ma sarx mill-intimat eżekutat, imma taħt l-awtorita' tal-Qorti, u għalhekk l-Awtorita' għat-Trasport f'Malta m'hijiex prekluża milli tirrikonoxxi l-effett tat-trasferiment ta' dawn iż-żewġ vetturi favur l-esponenti fuq id-dokumenti uffiċċjali pertinenti għall-istess vetturi.*

*Għaldaqstant l-esponenti umilment jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha, occorrendo previa l-appuntament u s-smiegħ ta' dan l-umli rikors, tiddikjara li t-trasferiment tal-vettura tat-tip Opel Corsa bin-numru ta' reġistrazzjoni KIT222 u tal-vettura tat-tip Isuzu bin-numru ta' reġistrazzjoni DAD179 minn fuq isem l-intimat eżekutat għal fuq isem l-esponenti m'huwiex kolpit bl-effetti tal-mandat ta' sekwestru fl-ismijiet hawn fuq premessi, u dan previa kull provvediment ieħor li lilha jidhrilha xieraq u opportun."*

Rat ir-risposta  tal-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta datata 15 ta' April 2015 li permezz taghha eccepiet is-segwenti:-

*"*

1. *Illi fl-ewwel lok l-Awtorita' rispondenti tixtieq ittenni illi hija m'ghandha ebda interess dirett fl-ezitu ta' dan ir-Rikors fis-sens illi l-uniku interess illi ghandha huwa*

*li dejjem u f'kull hin tottempera ruhha mal-ordnijiet li jigu lilha moghtija minn din l-Onorabbli Qorti u li timxi dejjem skond il-ligi, u xejn izjed.*

2. *Illi l-Awtorita' rispondenti kienet giet notifikata bhala Sekwestratarja bil-Mandat ta' Sekwestru Ezekuttiv bin-numru 2106/2008 fl-ismijiet 'Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud -vs- Justin Tabone (ID: 373859M)'.*

3. *Illi jirrizulta illi l-imsemmi Justin Tabone (ID no: 373859M) kellu zewg vetturi registrati f'ismu – Opel Corsa Reg. no: KIT-222 u Isuzu Reg. no: DAD-179 – u ghalhekk, skond gurisprudenza pacifika tal-Qrati taghna, l-Awtorita' kienet tenuta li ma tippermettix it-trasferiment ta' dawn il-vetturi stante illi gie dejjem ritenut illi l-logbook fil-mument li jigi ghand l-Awtorita' biex isir it-trasferiment huwa kolpit bl-effetti tas-sekwestru.*

4. *Illi l-Awtorita' rispondenti kienet kompletament estranea ghall-proceduri li saru minn Tapram Limited fil-konfront tal-imsemmi Justin Tabone (ID no: 373859M) u l-proceduri eventwali tal-bejgh bis-subbasta ta' dawn il-vetturi u l-liberazzjoni tal-istess a favur tar-rikorrent Justin Tabone (ID no: 433994M).*

5. *Illi stante li l-Awtorita' rispondenti kienet giet notifikata bhala sekwestratarja bil-fuq imsemmi Mandat ta' Sekwestru Ezekuttiv bin-Numru 2106/2008 fl-ismijiet 'Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud -vs- Justin Tabone (ID: 373859M)' isegwi li, biex l-Awtorita` ma tkunx izjed obbligata li tkompli tosserva u tobdi l-ordni tal-Qorti kontenut fil-hrug tal-imsemmi mandat, kien jehtieg illi tali ordni jithassar jew jigi revokat bil-hrug ta' Kontro-Mandat ghall-istess.*

6. *Illi naturalment jekk din l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna lill-Awtorita' esponenti sabiex taccetta u tipprocessa t-trasferiment ta' dawn iz-zewg vetturi a favur tar-rikorrent, hija m'ghandha ebda oggezzjoni illi taghmel dan, pero` certament illi m'ghandhiex tigi akkolta t-talba finali tal-imsemmi rikorrent Justin Tabone Junior sabiex l-ispejjez ta' dawn il-proceduri jigu akkollati lill-Awtorita` rispondenti illi m'ghamlet xejn ghajr li obdiet, osservat u rrispettat l-ordni tal-Qorti kif kontenut fil-fuq imsemmi Mandat ta' Sekwestru Ezekuttiv bin-numru 2106/2008 fl-ismijiet 'Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud -vs- Justin Tabone (ID 373859M)'.*

7. *Illi ghaldaqstant ebda spejjez m'ghandhom jigu akkollati lill-Awtorita' rispondenti."*

Rat ir-risposta tal-Kummissarju tat-Taxxa Fuq il-Valur Mizjudipprezentata fis-16 ta' April 2015 li permezz taghha eccepixxa s-segwenti:-

*"Illi permezz tar-rikors promutur ir-rikorrent qed iressaq talba, li wiehed jassumi hija ai termini tal-artikolu 281 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, u ghab-bazi tal-istess qieghed jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tirrevoka parzjalment contrario imperio l-Mandat ta' Sekwestru Numru 2106/08 fl-ismijiet Kummissarju tat-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud vs Justin Tabone u dana in kwantu jaffettwa l-vetturi indikati fir-rikors promutur;*

*Illi ai termini tas-subartikolu (2) tal-artikolu 281 tal-Kap 12 l- esponent qed iressaq ir-risposta tieghu ghar-rikors tal-imsemmi Justin sive Justin Juniour Tabone;*

*Illi jibda sabiex jinghad illi dwar il-fatti esposti mir-rikorrent fir-rikors promutur l-esponent ma huwiex f'pozizzjoni li jikkumenta wisq u dwar dan qed jirriserva li jressaq sottomissjonijiet ulterjuri fl-eventwalita li jitressqu l-provi necessarji skond il-Ligi oltre l-fatt li l-esponent qed jirriserva li jressaq dawk il-provi skond il-Ligi sabiex jirribatti l-istess;*

*Illi fir-rigward tal-aspett legali imqanqal mir-rikorrent jibda sabiex jinghad illi l-effetti ta' Mandat ta' Sekwestru servut f'idejn l-Awtorita ghat-Trasport f'Malta gie spjegat mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civli fid-decizjoni taghha datata 30 ta' Mejju 2001 fl-ismijiet **HSBC Bank Malta p.l.c. gia Mid Med Bank Ltd. Vs Anthony Spiteri u Josette Spiteri (Rik. Nru. 323/01**) fejn gie insenjat hekk:*

*"Skond l-artikolu 375 meta kreditur, sabiex jithallas tal-kreditu tieghu, ikun irid izomm li ma jghaddux f'idejn id-debitur tieghu, flus jew haga mobbli li jkunu jinsabu f'idejn haddiehor, jista' jaghmel dan bil-mezz ta' mandat ta' sekwestru.*

*Ir-rikorrenti qed jissottomettu li ma hemm ebda bazi legali ghaliex id-Direttur tat-Traffiku ghandu jigi indikat bhala sekwestratarju meta dan m'ghandux jaghti lid-debitur jew lil haddiehor haga mobbli li tinsab ghandu. Id-Direttur ma jittrasferix il-proprjeta' imma jittrasferixxi l-licenzja, liema licenzja mhiex proprjeta' tar-rikorrenti.*

*Illi jirrizulta mill-provi li r-rikorrenti kienu bieghu karozza BAU 202 fil-hmistax (15) ta' Ottubru,2000 lil certu Julian Genovese (l-ebda dokument ma gie prezentat),pero' ma sarx transfer skond kif titlob il-ligi. Jidher li dana Genovese biegh il-karozza lil haddiehor u meta dan ta' l-ahhar mar biex jaghmel it-transfer gie mizmum mid-Direttur tal-Licensing billi kien inhareg il-mandat ta' sekwestru in kwistjoni.*

*Illi d-Direttur ma johrogx biss il-licenzja fir-rigward ta' vetturi imma jzomm ukoll registru ta' l-ownership tal-vettura u a bazi tieghu hu johrog il-log book li hu "document of title". Illi meta dan id-"dokument of title" jigi f'idejn id-Direttur hu obbligat meta jircievi sekwestru li jzomm dana d-dokument li hu t-titolu tal-proprjeta' mobbli u li ma jirrilaxxjahiex qabel ma jircievi ordni ohra mill-Qorti.*

*Lanqas ma jirrizulta li l-mobbli in kwistjoni hu ezentat taht l-artikolu 382 tal-Kap 12.*

***DECIZJONI***

*Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tiddeciedi billi tichad it-talba tar-rikorrenti, bl-ispejjez kontra taghhom."*

*Illi minn dana l-insenjament jirrizulta evidenti illi gialadarba l-Awtorita ghat-Trasport f'Malta tigi notifikata b'Mandat ta' Sekwestru l-istess Awtorita hija obbligata li zzomm fil-kustodja taghha bhala sekwestratarja l-"log book" ossija "document of title" ta' vettura li tkun registrata f'isem is-sekwestrat u dana sakemm ma tercevieh ordni kontrarja minn Qorti kompetenti;*

*Illi r-rikorrent qed jissottometti illi dina l-ordni tassattiva lill-Awtorita ma ghandiex tapplika fil-kaz odjern u dana stante li huwa akkwista l-vetturi registrati f'isem is-sekwestrat permezz ta' bejgh in subbasta.*

*Illi bid-dovut rispett dina hija sottomissjoni infondata kemm fil-fatt u kemm fid-dritt;*

*Illi l-ordni moghtija minn dina l-Onorabbli Qorti mal-hrug tal-Mandat ta' Sekwestru ma tisfaxax fix-xejn semplicement ghaliex il-bejgh ta' vettura sar bis-subbasta u mhux volontarjament mis-sekwestrat !! Il-ligi ma taghmilx distinzjoni dar meta ghandha tapplika l-ordni tal-Qorti !!*

*Li kieku kellhu jregi l-argument tar-rikorrent dan essenzjalment ikun ifisser illi dina l-Onorabbli Qorti tkun qedha tissanzjona raggiri biex jigi pregudikat l-esponent. Dana qed jinghad stante li filwaqt li l-esponent jkun talab il-hrug ta' mandate ezekuttiv in ezekuzzjoni tat-titolu ezekuttiv tieghu jinbdew proceduri ta subbasta minn terzi ad insaputa tal-esponent, tigi konkjuza s-subbasta u l-oggetti hekk mibjugha jigu trasferiti lit-terzi filwaqt li l-fondi jigu zbankati minn terz kreditur ezekutant ....... u l-esponent jibqa b'xejn !!! U dana meta t-titolu tal-esponent huwa wiehed privileggjat u jippregradwa hafna titolu ezekuttivi ohra !!*

*Certament dan ma kienx l-ghan ahhari tal-Legislatur !*

*Il-fatt li z-zewg vetturi gew liberati ghal favur tar-rikorrent ma jbiddel xejn mill-effetti tal-ordni moghtija minn dina l-Onorabbli Qorti mal-hrug tal-Mandat ta' Sekwestru odjern u ghalhekk tali ordni ghandha tibqa in vigore;*

*Aktar u aktar meta l-Mandat ta' Sekwestru in ezami inhareg fl-2008 u cioe oltre sitt snin qabel ma sehhet is-subbasta imsemmija. Li kieku l-mandat inhareg wara li giet konkjuza s-subbasta wiehed kien forsi jakkolji l-argument imressaq mir-rikorrent, izda dan il-kaz huwa ghal kollox divers !!*

*Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq esposti u dak li ser jigu sottomessi waqt it-trattazzjoni tar-rikors, l-esponent umilment jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talba tar-rikorrent bl-ispejjes kontra tieghu."*

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Rat li r-rikors thalla ghal-lum ghal digriet finali.

**Ikkunsidrat**

Illi permezz tar-rikors odjern ir-rikorrent Justin Tabone qieghed jitlob lil dina l-Qorti tiddikjara li t-trasferiment tal-vetturi bin-numri ta' registrazzjoni KIT 222

u DAD 179 minn fuq isem Justin Tabone (Senior) ghal fuq ismu  m'ghadux kolpit bl-effetti tal-mandat ta' sekwestru li kien intavola l-Kummissarju intimat kontra missieru Justin Tabone (Senior).  Huwa jsostni dan peress li r-rikorrent kien ippartecipa fil-bejgh bl-irkant tal-istess vetturi, li kienu proprjeta` ta' missieru, li da parti tieghu kien debitur tal-Kummissarju intimat, liema bejgh bl-irkant gie xprunat mis-socjeta` Tapram Limited li wkoll kienet kreditrici ta' missier ir-rikorrent.

Illi ghalhekk, l-argument imressaq mir-rikorrent huwa illi ladarba dawn iz-zewg vetturi gew regolarment liberati favur tieghu, allura l-proprjeta` tal-istess m'ghandhiex ta' missieru izda tieghu u li ghalhekk l-Awtorita ghat-Trasport f'Malta ma setghetx tirrifjuta li tirregistra l-istess vetturi fuq ismu.

Min-naha l-ohra l-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta qieghdha tishaq illi sakemm ma jkollhiex ordni kuntrarja ghal dik tal-Mandat ta' Sekwestru 2106/08 allura hija ma tistghax taghmel dak mitlub minnha mir-rikorrent.

Il-Kummissarju intimat imbaghad qieghed joggezzjona bil-qawwa kollha li jsir tali trasferiment stante li jishaq illi huwa ma kienx partecipi fis-subbasta *de quo* u li allura l-jeddijiet tieghu *qua* kreditur ta' Justin Tabone (Senior) ghandhom jibqghu mhux mittiefsa, *nonostante* l-bejgh bl-irkant tal-istess zewg vetturi.

Illi mill-atti jirrizulta illi fit-28 ta' Lulju 2008 gie mahrug Mandat ta' Sekwestru Ezekuttiv fil-konfront ta' Justin Tabone (Senior) abbazi ta' titolu ezekuttiv li l-Kummissarju intimat kellu u dan kif jirrizulta minn Dokument A anness mar-rikors promutur.  Jirrizulta wkoll illi  s-socjeta` Tapram Limited f'xi zmien wara kienet ukoll intavolat Mandat ta' Qbid kontra Justin Tabone (Senior) u fost l-affarijiet li nqabdu kien hemm iz-zewg vetturi in kwistjoni.   Illi sussegwenti ghall-istess Mandat, is-socjeta` Tapram Limited bdiet il-proceduri tas-subbasta numru 31/14 u l-istess zewg vetturi gew liberati favur ir-rikorrent ghall-prezz ta' elf u sittin ewro (€1060) peress li kien l-ahjar offerent.

Illi minn qari tas-Subtitolu IV tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, fir-rigward ta' bejgh bl-irkant bil-Qorti ta' hwejjeg mobbli jirrizulta*, inter alia*, is-segwenti:-

1. Illi l-listi tal-bejgh bl-irkant li jkunu se jsiru jigu pubblikati mir-Registratur tal-Qrati f'zewg gazzetti lokali;[1]
2. Illi l-kunsinna tal-hwejjeg mobbli ssir bl-ghoti tal-haga u bid-depozitu tal-prezz jew bl-approvazzjoni tat-tpacija;[2]
3. Illi kull kreditur iehor jista' permezz ta' nota li tigi notifikata lill-esekutant u lid-debitur, jidhol fl-atti tal-irkant bhala esekutant iehor, u dan l–esekutant l-iehor ikollu l-istess jeddijiet u obbligazzjonijiet daqslikieku kien l-esekutant originali.[3]

Illi ghalhekk jirrizulta illi l-bejgh bl-irkant bil-Qorti huwa process pubbliku li jigi anke pubblicizzat fil-gazzetti lokali. Illi mill-atti ma jirrizultax illi l-Kummissarju intimat intervjena b'xi mod biex jissalvagwardja l-interessi tieghu meta giet appuntata s-subbasta de quo, kif kellu kull dritt jaghmel. B'dana kollu xejn ma jnaqqas mid-drittijiet tieghu ta' pregradwazzjoni fir-rigward tal-pretensjonijiet li hu ghandu fir-rigward ta' Justin Tabone (Senior). Illi lanqas ma jirrizulta illi l-Kummissarju intimat b'xi mod attakka l-istess bejgh bl-irkant tal-imsemmija vetturi.

Illi ghalhekk jirrizulta illi l-Kummissarju intimat ma hass li kien hemm xejn irregolari fl-imsemmi bejgh bl-irkant. Illi naturalment il-persuna li offriet l-ahjar prezz fl-istess bejgh, u cioe r-rikorrent, bir-ragun qieghdha tippretendi li la darba hija giet aggudikata l-vetturi in kwistjoni, l-istess ghandhom jigu registrati f'isimha.

Illi li kieku din il-Qorti kellha taqbel mas-sottomissjonijiet tal-Kummissarju intimat, allura jkun ifisser li r-rikorrent ikun akkwista l-imsemmija vetturi

[1] Artikolu 313
[2] Artikolu 331 (2)
[3] Artiolu 346(1)

minghajr ma jista' jkollu l-possibilita` li qatt jirregistrahom fuq ismu, jew ghallinqas sa meta l-Mandat ta' Sekwestru jigi revokat. Dan jiffrustra ghal kollox l-iskop tas-subbasta. L-*iter* logiku ta' bejgh bl-irkant bil-Qorti huwa li la darba l-istess mobbli gew aggudikati lir-rikorrent u huwa ddepozita l-prezz, hu jsir is-sid il-gdid taghhom u jkun jista' jiddisponi minnhom kif irid hu. Wiehed ma jridx jinsa wkoll illi meta wiehed jixtri vettura irid jirregistra l-bdil fis-sid mal-Awtorita` intimata. Allura huwa naturali, anzi s-sid il-gdid huwa obbligat, li jaghmel it-*transfer* tal-istess vetturi mal-Awtorita` intimata biex l-istess Awtorita` izzomm ir-*records* taghha aggornati fir-rigward tas-sidien tal-karozzi.

Illi la darba l-Kummissarju intimat baqa' inerti, meta sahansitra seta' ippartecipa fis-subbasta biex jissalvagwardja l-interessi tieghu, ma jistghax issa jibqa' jinsisti li l-istess vetturi ma jistghux jigu trasferiti fuq ir-rikorrenti wara li l-bejgh tal-istess vetturi sar b'mod regolari u bl-awtorizzazzjoni tal-Qorti.

Ghaldaqstant, din il-Qorti tqis li r-rikorrent ghandu ragun fit-talba tieghu.

**DECIDE**

Ghaldaqstant, il-Qorti, ghar-ragunijiet hawn fuq moghtija, qieghdha tilqa' t-talba tar-rikorrenti u tiddikjara li in segwitu ghas-subbasta bin-numru 31/2014, it-trasferiment tal-vettura tat-tip Opel Corsa bin-numru ta' reġistrazzjoni KIT222 u l-vettura tat-tip Isuzu bin-numru ta' reġistrazzjoni DAD179 minn fuq isem Justin Tabone (Senior) ghal fuq isem ir-rikorrent m'huwiex kolpit bl-effetti tal-mandat ta' sekwestru bi-Numru 2106/2008.

Bl-ispejjez kontra l-Kummissarju intimat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------